*275 Sena ilu…*

# Ħal Qormi jsir Belt Pinto

Dr Joseph F. Grima



Għal dawn l-aħħar tletin sena, eżattament mill-1988, Ħal Qormi ċċelebra Jum Ħal Qormi fil-25 ta' Mejju, l-ewwel ftit snin miż-żewġ parroċċi Qormin flimkien u mbagħad mill-Kunsill Lokali meta dan beda jiġi elett fis-snin bikrin tas-snin disgħin. Kien intgħażel il-jum tal-25 ta' Mejju għal raġuni mill-aktar valida; għax kien eżattament fil-25 ta' Mejju 1743, jiġifieri 275 sena ilu, li l-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca laqa' t-talba li kienet saritlu xahar qabel mill-Kappillan Dun Ġużepp Vella u aċċetta li Ħal Qormi jitgħolla għad-dinjità ta' belt u jibda jissejjaħ il-**BELT PINTO**.

### Supplika

Fis-27 ta' April 1743, l-Awditur tal-Ordni ta' San Ġwann, J.J. Grech, irreġistra supplika (talba) li l-Kappillan Dun Ġużepp Vella ta' Ħal Qormi għamel lill-Gran Mastru. Fil-qosor, it-talba kienet tgħid li l-Kappillan u l-poplu tal-art ta' Ħal Qormi (imsejħa *terra Curmi*) esponew li meta n-numru tal-abitanti tiegħu kien laħaq it-tliet elef ruħ, Ħal Qormi kien ġie onorat bit-titlu ta' *terra* (art). Iżda issa n-numru tal-abitanti kien tela' għal sitt elef u erbgħa u sebgħin ruħ. Għalhekk intalab biex, flok it-titlu ta' *terra*, Ħal Qormi jingħata t-titlu ta' belt flimkien ma isem li jogħoġbu jagħżillu l-Gran Mastru stess.



*Il-Kappillan ta' Ħal Qormi Dun Ġużepp Vella li ppreżenta s-supplika li fiha talab li Ħal Qormi jsir belt (Pittura f'kollezzjoni privata)*

Qabel ma ħa deċiżjoni, Pinto talab lis-Seniskalk tal-Ordni, il-Baruni Ferdinand Ernst von Stadl – bniedem intellettwali għall-aħħar – jgħaddilu l-kummenti u l-opinjoni tiegħu bil-miktub dwar din it-talba. Dan id-dinjitarju ma damx ma ressaq memorjal dettaljat mhux ħażin lil Pinto li fih, bi kwotazzjonijiet minn awturi klassiċi Griegi u Latini bbażati fuq it-tagħlim ta' storiċi, ġuristi u politiċi, kiteb x'inhuma l-kwalitajiet, l-attribwiti u r-rekwiżiti biex post ikun jixraqlu t-titlu ta' belt. Von Stadl ikkonkluda li Ħal Qormi kien eliġibbli biex jingħata t-titlu ta' belt. Iżda qabel ma wasal għal dan il-parir, von Stadl niżżel tagħrif siewi ħafna dwar Ħal Qormi u n-nies li kienu qed jgħixu fih dak iż-żmien.

### Taqsim tal-Poplu Qormi fl-1743

Apparti l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, kien hawn f'Ħal Qormi tmien knejjes filjali. Membri tal-Kleru kien hawn sitta u sittin imqassmin hekk: erbgħin saċerdot u l-oħrajn bejn djakni, sud-djakni u kleriċi li kollha kienu jagħtu s-servizz tagħhom fil-Knisja Parrokkjali.

Fir-raħal kien hawn aktar minn mitt forn, madwar għoxrin bidwi b'oqsma estensivi ta' raba' (imsejħin *agricoltori*), numru akbar ta' massara, aktar minn mija u ħamsin gabillot u qrib il-mitt ġardinar u bejjiegħa ta' prodotti agrikoli. Dawn il-figuri juruna l-importanza kbira li kellhom l-agrikultura u l-ifran għall-għajxien tal-Qormin tas-seklu tmintax, anzi nistgħu ngħidu li bejniethom kienu l-perm tal-ħajja ekonomika ta' Ħal Qormi.

Fl-1743, kien hawn ukoll tabib, spiżjar, żewġ kirurġi, avukat, qassis lawrjat fit-Teoloġija, tmien għalliema li sebgħa minnhom kienu għall-iskejjel elementari, għalliem tal-orgni u ieħor tal-kant. Għal dawk li kienu snajja', insibu tmien ħajjata, għaxar mastrudaxxi, ħames skarpan, tlieta li kienu jagħtu l-kuluri (jew jiżbgħu) id-drappijiet, armier, tnejn jaħdmu fuq it-torn, sitt barbiera, żewġ nagħla (li jnegħlu l-bhejjem), u numru bla għadd ta' furnara. Kien hawn ukoll in-negozjanti li kienu jinkludu tmienja tal-qoton u tad-drappijiet, u tlieta tal-kittien. Magħhom inżidu numru ta' benestanti, tant li mhux anqas minn sitta u sittin familja kienu jgħixu mir-renti li kienu jdaħħlu.

Il-memorjal ta' von Stadl isemmi wkoll li r-riġment Qormi tal-milizzja kien kompost minn 439 suldat minbarra numru ta' nies li kien irnexxielhom, b'xi permess partikolari, jiffrankaw is-servizz militari. Għal

dak li kellu x'jaqsam ma gvern lokali, Ħal Qormi kien suġġett għall-Kaptan tal-Virga (magħruf popolarment bħala l-Ħakem) u l-Ġurati tal-Imdina.

**Id-Digriet**

Il-Gran Mastru Pinto aċċetta l-parir u l-kummenti tas-Seniskalk von Stadl u eżattament erba' ġimgħat wara li kienet ippreżentata s-supplika tal-Kappillan Vella, ħareġ dan id-digriet li nsibuh fil-*Liber Bullarum* (Volum n.ru 547) tal-Arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta: ***Habita relatione, Terram Curmi erigimus in civitatem imponentes ei nomen Pinto***, li tfisser li hu għolla l-art ta' Ħal Qormi għad-dinjità ta' belt u li tah l-isem Pinto. Fit-talba oriġinali, lill-Gran Mastru kienu talbuh jagħżel isem hu. Pinto għoġbu jagħti ismu stess u b'hekk intrabat għal dejjem mar-raħal għażiż tagħna. Ħal Qormi kien l-ewwel lokalità fil-kampanja Maltija li ngħatat il-ġieħ u l-isem ta' belt. Wara li għaddew aktar minn tletin sena, Gran Mastri oħrajn ikkupjaw lil Pinto u taw dan il-ġieħ lil erba' lokalitajiet oħrajn: wieħed fl-1777 u tlieta fl-1797.



*Il-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca li aċċetta li Ħal Qormi jsir belt u li tah ismu stess*



*Il-Baruni Ferdinand Ernst von Stadl, is-Seniskalk tal-Ordni ta' San Ġwann, li kiteb memorjal favorevoli dwar Ħal Qormi*

popolazzjoni ta' Ħal Qormi bejn l-1734 u l-1747 kienet hekk: fl-1734 – 3,750; fl-1736 – 5,403; fl-1740 – 5,928; fl-1741 – 6,043; fl-1745 – 6,134; u fl-1747 – 3,406. Ninnutaw il-qabża kbira 'l isfel bejn is-snin 1745 u 1747 u li f'dawn is-snin, ma kienx hawn xi mxija li qatlet eluf ta' nies, iżda l-ħajja baqgħet miexja normali.

Il-Professur Stanley Fiorini, riċerkatur u storiku tal-affari tiegħu għall-aħħar li kien qed iħejji studju fuq id-demografija Maltija fis-sekli sbatax u tmintax li mbagħad ippubblikah, qatagħha li ma joqgħodx fuq dawn iċ-ċifri dikjarati iżda qagħad joqgħod jgħodd lin-nies kollha, kull wieħed u kull waħda imniżżlin fl-*iStatus Animarum*. Sab li l-figuri korretti u preċiżi kienu dawn li ġejjin: fl-1734 – 3,240; fl-1736 – 3,277; fl-1740 – 3,435; fl-1741 – 3,477; fl-1745 – 3,568; u fl-1747 – 3,406. Mela l-popolazzjoni ta' Ħal Qormi fl-1743, kienet ta' madwar 3,500 ruħ u mhux 'l fuq minn 6,000 persuna. Jidher ċar li din il-figura hekk kbira kienet ingħatat biex Ħal Qormi jingħata t-titlu ta' belt, ħaġa li tassew irnexxiet. Jidher ukoll li l-biċċa kienet ilha maħsuba kważi għaxar snin minn meta bdew jiżdiedu l-figuri fl-1734.

**Il-Verità tal-Kobor tal-Popolazzjoni Qormija fl-1743**

Hawnhekk ta' min nerġgħu ntennu li t-talba biex Ħal Qormi jingħata d-dinjità u t-titlu ta' belt kienet ibbażata fuq li n-numru totali tal-abitanti, li skont ma nkiteb, kien 6,074. M'hemm ebda raġuni li niddubitaw mill-figuri ta' ħaddiema, maestranzi, suldati, professjonisti, kleru, eċċ. li hemm fil-memorjal iżda riċerka u tiftix bir-reqqa li saret fl-1983 stabbiliet li l-figura ta' 6,074 abitant f'Ħal Qormi fl-1743 ma kinitx korretta.

Skont it-totali mniżżlin fl-i*Status Animarum* ta' Ħal Qormi li hemm fil-Kurja Arċiveskovili, il-



Dell'Altezza Vostra Eminentissima
Um.mo Dev.mo ed obb.mo Ser.re et obed.mo Relig.e il Bali Senescalco Barone de Stadl.
Habita relatione Terram Curmi erigimus in Civitatem imponentes ei Nomen Pinto = Dat. in Pal. die xxv. May 1743.

*Id-dokument fil-**Liber Bullarum** tal-Arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann fejn Ħal Qormi ġie dikjarat Città Pinto (Belt Pinto)*

Naturalment, dan il-logħob bil-figuri hi ħaġa spjaċevoli iżda hi l-verità. Madankollu, Ħal Qormi xorta waħda jibqa' jiftakarha din id-data, il-25 ta' Mejju 1743, il-jum meta sar belt. Għandna nibqgħu ngħożżuha u nużawha biex nuru l-għaqda u s-solidarjetà li għandha dejjem teżisti u tirrenja bejnietna l-Qormin kollha.

(**Nota**: l-i*Status Animarum* kien reġistru parrokkjali li fih kienu jitniżżlu l-ismijiet ta' dawk kollha li, minn sena għall-oħra, qdew id-dmir tal-preċett għal Żmien l-Għid il-Kbir. Dan ir-reġistru kien jinkludi wkoll l-ispreċettati u l-minorenni. B'hekk minnhom wieħed kien ikollu ideja tajba tal-popolazzjoni ta' kull parroċċa. Billi ma kinux isiru ċensimenti – l-ewwel wieħed formali sar fi żmien l-Ingliżi fl-1843 – minnhom insiru nafu kemm kienet kbira l-popolazzjoni ta' Malta f'sena partikolari billi ngħoddu n-numri fl-*iStatus Animarum* tal-parroċċi kollha tal-istess sena.